MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2013

Numru 37/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Teofilo Mangion bin Frank u Mary nee' Axiaq imwieled fis-17/02/1976 u residenti The Waves, Triq ix-Xwejni, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' 6276(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Teofilo Mangion akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda bejn 14/01/2004 sa 22/04/2005 bhala sid tal-fond Qbajjar Restaurant, Triq ix-Xwejni, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex, u bhala persuna li fuqu huwa

irregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqi li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker, ikkometta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta fl-ammont ta' €5654.48.

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' dana il-kaz huma s-segwenti. Illi l-imputat Teofilo Mangion jiggestixxi ir-*restaurant* bl-isem "Qbajjar Restaurant" gewwa ix-Xlendi. Illi bhala *registered consumer* fuq il-meter tad-dawl li hemm installat fir-*restaurant* hemm missier l-imputat Francis Mangion. Illi rappresentanti tal-Enemalta Corporation ghamlu *surprise inspection* f'dana ir-*restaurant* fis-7 ta' Ottubru 2005 fejn hemmhekk sabu illi iz-zewg sigilli blu li kellu l-meter tad-dawl ma kenux dawk li kienu originarjament imwahhla mal-meter meta dana gie installat fl-2004, izda kienu zewg sigilli differenti li igibu in-numri 130358 u 130396. Ghalhekk kien hemm suspett illi seta sehh serq tal-kurrent elettriku. Ghal bqija jidher illi l-meter tad-dawl kien qed jahdem b'mod regolari. Ghalhekk peress illi kien hemm suspett illi kien qed isehh serq tal-kurrent elettriku, il-pulizija gew infurmati bil-kaz u saret inkjesta magisterjali.

Illi mill-provi akkwizti f'dana il-process irrizultaw fatti kemmxejn strambi u li wasslu sabiex il-Qorti qajla kellha provi fuq xhiex tistrieh ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-imputat. Dana qed jinghad ghaliex jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni kienu marru xi haddiema ta'l-Enemalta sabiex jiccekkjaw il-meter tad-dawl. Dana sar fil-presenza tal-waiter Joseph Bezzina li jahdem f'dana ir-restaurant. Wara li dawn il-haddiema iccekkjaw il-meter sabu li kollox kien sew issigillaw il-meter b'sigilli godda u telqu. Iktar tard matul il-jum huma irritornaw, fejn infurmaw lill-imputat illi iz-zewg sigilli li kienu gabru minn fuq il-post ma kenux jaqqblu ma' dawk li suppost kien hemm fir-records

taghhom. Is-sigilli li kienu inqalghu izda ma regghux ingiebu fuq il-post u ghalhekk ma kenux ghad-disposizzjoni tal-espert nominat fl-inkjesta Dr. Kevin Mompalao. Fil-fatt ir-rapport tieghu l-espert ighid;

“Normalment f’kull *surprise inspection* illi taghmel l-Enemalta din tmur munita b’kopja tal-card relattiva fuq il-post, fejn is-sigilli immedjatament jigu iccekkjati mal-card, u jekk ikun hemm xi diskrepanza is-sid jigi nfurmat, mill-ewwel jissejjah il-foreman fuq il-post u sussegwentement issir l-inkjesta, u sakemm isir l-access is-sigilli ma jigux imcaqalqa minn fuq il-post u f’hafna inkjesti (il-maggior parti) dawn l-anqas biss jinqatghu u jinqatghu biss mill-espert tal-Qorti. Dan l-esponenti jafu mill-hafna inkjesti li kien involut fihom specjalment fis-sena elfejn u hamsa (2005) meta bdew ifiggu l-kazi b’allegati sigilli mibdulin.

Fil-kaz odjern ma gara xejn minn dan. Zewgt haddiema li ma kellhomx il-card relattiva accedew fuq il-post, qatghu is-sigilli fethu il-meter, ezaminawh (fejn setghu nehhew kull tracca ta’ xi irregolarita li setgha kien hemm) u wara li regghu issigillawh b’sigilli godda, infurmaw lil min kien inkarigat li kollox kien sew u hadu s-sigilli maghhom l-Enemalta.

Sid il-fond jew rapprezentant tieghu fl-ebda hin ma gie muri s-sigilli jew in-numri taghhom.

Lura l-ufficcju ta’l-Enemalta allegatament is-sigilli gew mghoddija lil foreman. U kien hemmhekk illi dawn gew imqabbla mal-card. Il-foreman fl-ebda mument ma kien fuq il-post, u qaghad biss fuq dak li qalulu l-haddiema tieghu u cioe’ illi s-sigilli nqalghu mit-tali post.

Fid-deposizzjoni taghhom l-haddiema ma kellhom l-ebda rekord tas-sigilli u ma gharrfux jidentifikawhom jew jaghtu n-numru taghhom.

In vista ta’ dan l-esponenti ma jidhirlux illi l-provi gew konservati kif suppost, b’mod illi huwa seta jikkonstata illi dawn is-sigilli kienu mibdula. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi fuq gewwa tal-meter ma nstab xejn irregolari.

Minghajr ma jallega xejn fil-konfront tal-haddiema nvoluti, l-esponenti ma jarax illi hija haga serja illi l-haddiema ma mxewx mas-solita u korretta procedura illi s-sigilli jigu verifikati mal-card fuq il-post. Ma hija xejn serja u legali illi dawn is-sigilli jigu allegatament ivverifikati hames sighat wara, f'post iehor, fin-nuqqas tas-sid, u minn persuna li ma kenitx hi li qalghet is-sigilli u li l-anqas kienet fuq il-post.

In vista ta' dan l-esponenti jara dubbju serju sabiex jikkonkludi illi dawk l-istess sigilli kienu dawk li nqalghu minn fuq il-post. Ma kien hemm l-ebda preservazzjoni ta' evidenza. Tali dubbju ghandu jmur favur l-konsumatur registrat.[1]"

Illi fil-fatt abbazi ta' dawn ir-risultanzi tal-Magistrat Inkwirenti jikkonkludi:
"In vista ta' dawn il-konkluzjonijiet peritali, l-Magistrat Inkwirenti jidhirlu li m'hemmx ragunijiet sufficjenti ghaliex ghandhom jittiehdu proceduri bil-Qorti kontra xi hadd in konnessjoni ma' dan il-kaz.[2]"

Illi madanakollu ghalkemm kienu jirrizultaw dawn il-provi inkonfutabbli illi l-evidenza ma kenitx giet ippreservata kif suppost mill-haddiema tal-Enemalta u li kwindi dan kien iwassal sabiex l-azzjoni kriminali kienet ser tkun wahda dghajfa, l-Pulizija Ezekuttiva u l-Avukat Generali xorta wahda dehrilhom illi kellhom jittiehdu dawn il-proceduri penali kwazi hames snin wara fil-konfront tal-imputat li del resto lanqas biss kien ir-*registered consumer* tal-meter tad-dawl in kwistjoni.

Illi fil-fatt ix-xhieda li instemghu f'dina il-kawza ma kenux kapaci iziedu xejn iktar ma' dak li kienu stqarru quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Illi il-Qorti dana tista' tifhmu il-ghaliex jekk l-evidenza ma gietx ippreservata kif suppost *a tempo vergine*, ma setax ikun possibbli illi iktar minn hames snin wara tinstab xi forma ta' evidenza kontra l-imputat abbazi

[1] Ara rapport ta' Dr. Kevin Mompalao a fol.26 et. seq.
[2] Konkluzjoni ta'l-Inkwirenti a fol.20

biss ta' kongettura li wasslet ghaliha l-Enemalta illi kien hemm perijodu ta' zmien fejn il-konsum kien wiehed baxx u kwindi kien hemm supposizzjoni illi dan kien qed isehh ghaliex kien qed jinsteraq id-dawl![3] Dawn il-proceduri ghalhekk ma kienu xejn aktar hlief hela ta' hin u ta' risorzi umani ibbazati kollha kemm huma fuq kongetturi u supposizzjonijiet u mhux fuq evidenza konkreta li *del resto* kienet giet distrutta mill-Enemalta stess.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Ara xhieda ta' Alan Chetcuti a fol.58 u di-dokumenti esebieti minnu